***Kunsill Lokali Ħamrun***
***683 A, Triq il-Kbira San Ġużepp,***
***Ħamrun***
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret il-mitejn u tmienja u sebgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Ħamis 10 ta' Ġunju 2010 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Viċi Sindku |
| Dr. Johnaton Abela LL.D | Kunsillier |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bernardette Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Arthur Ellul | Kunsillier |
| Dr. Paula Mifsud Bonnici LL.D | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta | Kunsillier |

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti

3.1 Il-Minuti tal-mitejn u sebgħa u sebgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

3.2 Il-Minuti tal-kontinwazzjoni tal-mitejn u sebgħa u sebgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

## 4. Punti li joħorġu mill-Minuti

*4.1 Proġett tas-Suq*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ltaqa' mal-Kuntrattur u l-Perit tiegħu fejn ntlaħaq ftehim bil-miktub bejn l-istess Kuntrattur u r-residenti li ġarbu l-ħsarat. Is-Sindku spjega li r-residenti kkonċernati ngħataw pagament b'ċekk għall-ħsarat li ġarbu. Sadanitant il-kuntrattur ser jagħmel ix-xogħlijiet neċessarji fid-djar tas-Sur Falzon u tas-Sur Goodlip.

Fid-dawl ta' dan is-Sindku spjega li kif kien ġie deċiz mill-Kunsill seta' jsir il-ħlas lill-Kuntrattur. Is-Sindku spjega li talab lill-Perit tal-Kunsill biex jiżgura li qabel jitlaq il-Kuntrattur, ix-xogħlijiet kuntrattwali jkunu saru kollha.

Fis-5.40pm is-Sur A. Ellul daħal għal-laqgħa.

Is-Segretarju Eżekutiv nforma lill-Kunsill li l-Kuntratt għall-*Finishings* tal-Uffiċini Amministrattiv tal-Kunsill inħareġ din il-ġimgħa u l-offerti jintlaqgħu sad-9 ta' Lulju 2010. Is-Sindku, s-Sur A. Ellul, Dr P. Mifsud Bonnici, il-Perit Samuel Formosa, il-Perit William Lewis u s-Sur Robert Ciantar inħatru bħala membri tal-Bord tal-Għażla għal din l-offerta.

Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-*Contracts Manager* qabel tinħareġ l-offerta tal-*Finishings* tal-*Car Park* biex jiġi diskuss kif ser jitħaddem l-istess *Car Park*.

*4.2 Triq Lord Byron*

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li llum saret iż-żebgħa biex il-wisa' tal-*parking bays* titnaqqas minn 2.0m għal 1.8m. Sadanitant is-Sindku nforma lill-Kunsill li qiegħed f'diskussjonijiet mal-Pulizija u l-Amministrazzjoni tal-iskola Immaculate Conception sabiex tinstab soluzzjoni għall-konġestjoni tat-traffiku li qed joħolqu l-*mini vans* li jiġbru t-tfal mill-iskola.

*4.3 Dun Anton Portelli – Kunċert fi Triq Schembri*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Kunċert ġie kkanċellat.

*4.4 WiFi Access Point*

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li qabel tiġi installata sistema ta' WiFi fi Pjazza San Pawl qed nistennew konferma mill-Pulizija li jaċċettaw li titpoġġa *modem* mal-faċċata tal-Għassa kif ukoll li jipprovdu *point* tad-dawl.

*4.5 Konferenza Lifelong Learning Project*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu flimkien mas-Sur A. Ellul attendew għall-konferenza li saret dwar il-*Lifelong Learning Programme*. Aktar informazzjoni dwar dan il-programm għandu jintbagħat lill-Kunsill.

*4.6 Communal Blue Sticker Badge Holder Parking Bays*

Is-Sindku spjega lill-Kunsill li wara diskussjonijiet ma' *Transport Malta* ġie nformat li r-*Reserved Parking Bays* għall-Persuni bi bżonnijiet speċjali jistgħu jintużaw minn kull min għandu *Blue Sticker*. Għaldaqstant minflok saret waħda ġdida ħdejn ir-*reserved* li kien hemm viċin il-ħanut Pappillon, issa ser tintuża l-istess waħda bħala *Communal Blue Sticker Badge Holder Parking Bay*.

*4.7 Chocolate Festival*

Il-Kunsill iddeċieda li c-*Chocolate Festival* ta' din is-sena ssir fit-30 ta' Ottubru minflok fit-23 ta' Ottubru peress li l-ġimgħa ta' qabel hemm attivita` Ħal Qormi.

Ġie deċiż li ssir laqgħa ma' Mario Camilleri u Andrew Farrugia nhar il-Ħamis 17 ta' Ġunju fil-5.30pm.

*4.8 Kuntratt tal-Ġbir ta' Skart Goff u Servizzi ta' Patching*

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-offerti jintlaqgħu sa nhar it-Tnejn 14 ta' Ġunju 2010. Is-Sindku u l-Viċi Sindku ser jattendu għall-ftuħ tal-offerti.

Il-Kunsill iddeċieda li l-*Conracts Manager* iħejji evalwazzjoni teknika tal-offerti tal-*Patching* filwaqt li s-Sindku, Dr J. Abela u s-Sinjura C. Borg inħattru membri tal-Kumitat tal-Għażla għall-Kuntratt tal-Ġbir ta' Sart Goff.

## 5. <u>Korrispondenza</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-korrispondenza li rċieva l-Kunsill bejn is-6 ta' Mejju u l-10 ta' Ġunju 2010.

*5.1 Ħamrun Spartans F.C Youth Nursery - Laqgħa*

Il-Kunsill irċieva ittra mill-Ħamrun Spartans F.C Youth Nursery fejn talbu laqgħa mal-Kunsill biex naraw kif il-Kunsill jista' jgħin b'kull mezz possibli u sakemm tippermetti l-liġi lill-Għaqda Sportiva. Is-Sindku u l-Viċi Sindku għandhom jiltaqgħu man-Nursey. Waqt il-laqgħa għandu jiġi spjegat li l-Kunsill ma jistgħax iħallas direttament lin-Nursery għall-materjal li xtrat direttament minn barra l-istess Nursery.

*5.2 Transport Malta – Reserved Parking Bays għall-Kit Manager*

Il-Kunsill ġie nfurmat minn *Transport Malta* li *Kit Manager* mhux eleġġibli għal *Reserved Parking Bay*. *Transport Malta* innotat li diġa nżebgħu *Reserved Parking Bays* fi Triq Mile End u talbet biex jitħassru. Ġie deċiż li l-Kunsill jinforma lill-*Transport Malta* li r-Reserved Parking Bays kienu saru fl-2004 mill-ADT għar-*referees*.

*5.3 Sur Spiteri - Bankini*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Spiteri fejn ilmenta dwar il-kundizzjoni perikoluża ta' bankini minħabba rampi tal-garaxxijiet. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob gwida mingħand awtorita kompetenti rigward kif għandhom isiru il-bankini meta jkun hemm garaxx.

*5.4 Ing. Joe Curmi – Kontravenzjoni Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Ing. Curmi fejn spjega li meta ġie il-Ħamrun biex jinvestiga lment dwar ir-rwejjaħ tad-Dranaġġ, kien parkja fi Triq il-Kbira San Ġużepp u ngħata ċitazzjoni għax ma kellux arloġġ. Huwa talab lill-Kunsill jikkunsidra jikkanċella l-kontravvenjoni. Ġie deċiż li l-Kunsill jikteb lill-Uffiċjal Awtorizzat biex jintalab jikkanċella din il-kontravenzjoni.

Fis-6.50pm Dr J. Abela ġie skużat mil-laqgħa.

*5.5 Sur G. E Saliba - Allegat ħsarat fil-propjeta`*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Saliba fejn allega li l-bir tar-residenza tiegħu 8, Triq id-Duka ta' Edinburgh ġarbet ħsarat waqt xogħol ta' tħaffir fis-sit kif ukoll qed isiru ħsarat fil-faċċata tal-istess residenza b'titjir ta' konkos. Ġie deċiż li kopja tal-ittra tintbagħat lill-Kuntrattur u lill-Perit tal-Kunsill.

*5.6 Sur Silvio Brincat – Parking Bay fi Triq Manwel Magri*

Il-Kunsill irċieva ittra mis-Sur Brincat fejn ilmenta li *parking bay* li saret fi Triq Manwel Magri kantuniera ma' Triq il-Fatati qed toħloq periklu għall-vetturi ħirġin minn Triq il-Fatati. Ġie deċiż li l-Kunsill jitlob il-parir tal-Koptasin rigward il-*parking bay* kkonċernata.

*5.7 Transport Malta – Un/Loading Bay fi Triq il-Kuċizzjoni*

Il-Kunsill ġie nfurmat li *Transport Malta* m'approvatx li ssir *Un/Loading Bay* fi Triq Pawlu Burlo quddiem *Hardware Store* għaliex tal-ħanut mhux eleġibbli għal *Un/Loading Bay*. Minkejja dan *Transport Malta* lesta tikkunsidra li ssir *Communal Un/Loading Bay* fi Triq il-Kunċizzjoni għall-użu tal-ħwienet kollha li hemm fil-viċinanza. Il-Kunsill iddeċieda li m'hemmx ħtieġa ta' *Un/Loading Bay* fi Triq il-Kunċizzjoni.

*5.8 Sur Max Farrugia – Laqgħa mal-Kunsill*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Farrugia fejn filwaqt li rringrazzja l-Kunsill talli għin sabiex jingħata kumpens għall-ħsarat li ġarbet ir-residenza tiegħu, talab sabiex issir laqgħa mal-Kunsill sabiex jiddiskuti xi problemi oħra. Ġie deċiż li s-Sindku u Dr P. Mifsud Bonnici jiltaqgħu ma' rappreżentanza tar-residenti.

*5.9 Transport Malta – Sleeping Policeman fi Triq Mile End*

Il-Kunsill ġie nfurmat li Transport Malta approvat li jsiru żewġ *Sleeping Policeman* bit-Tarmac fi Triq Mile End minflok dawk eżistenti tal-lastiku.

*5.10 Residenti Triq Ġuże Pace – Żvilupp PA 01757/10*

Il-Kunsill irċieva kopja ta' ittra li residenti fi Triq Ġuże Pace bagħatu lill-MEPA kontra l-applikazzjoni għall-iżvilupp numru PA01757/10 biex jinfetaħ *ironmongery* fi 93, Triq Ġuże Pace, Ħamrun.

*5.11 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf*

Il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna jipparteċipaw fi skema "Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf". Lokalitajiet bi popolazzjoni ta' aktar minn 5000 ruħ jingħataw €2,000 bħala għajnuna finanzjarja. Il-Kunsill approva li jipparteċipa. Il-premjijiet huma €20,000 għall-ewwel post, €15,000 għat-tieni post u €10,000 għat-tielet post.

*5.12 Għaqda Mużikali San Ġużepp – Laqgħa mal-Kunsill*

L-Għaqda Mużikali San Ġużepp talbet laqgħa mal-Kunsill biex jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill rigward proġett infrastrutturali li ser issir fis-sede tas-Soċjeta` bejn nofs Ġunju u nofs Lulju.

Ġie deċiż li għal-laqgħa jattendu s-Sindku, s-Sur M. Caruana u s-Sur C. Valletta.

*5.13 Sur Brian Zammit – Dar għall-Anzjani*

Iil-Kunsill ġie nfurmat li s-Sur Zammit bi ħsiebu jikkonverti ix-Shantine Hall fi Dar għall-Anzjani. Huwa spjega li sabiex l-MEPA tapprova l-applikazzjoni jeħtieġ li l-iżviluppatur ikollu provi li ser jalloka numru ta' sodod għar-residenti tal-lokal. Huwa spjega li l-Kunsill ser jintalab jirrakomanda lista ta' Anzjani mill-lokal li jkunu interessati jidħlu fir-residenza. Huwa talab lill-Kunsill biex jiġi ffirmat *Letter of Intent* bejn il-Kunsill u l-iżviluppatur. Wara li nqrat il-*Letter of Intent* proposta ġie nnutat li hemm indikat li ser issir kirja ta' sodod lill-Kunsill. Il-Kunsill iddeċieda li l-*Letter of Intent* trid tinbidel biex tindika ċar li fl-ebda mod mhu l-Kunsill ser jintrabat joħroġ xi tip ta' fondi għal dan l-iskop. L-istess għandu jiġi rifless fil-ftehim bejn iż-żewġ partijiet.

*5.14 Sinjura Tania Dimech – U-Bar*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sinjura Dimech fejn talbet biex titwaħħal U-Bar tal-ħadid quddiem ir-residenza tagħha 52, Triq Qormi, Ħamrun sabiex jiġi evitat li vetturi jipparkjaw fuq il-bankina. Ġie deċiż li din it-talba tiġi riferuta lill-*Transport Malta*.

*5.15 Għaqda Mużikali San Gejtanu – Ħofor għall-arbli*

Il-Kunsill irċieva talba mill-Għaqda Mużikali San Gejtanu sabiex iħaffer żewġ toqob għall-arbli u jipprovdi għotjien għalihom.

Il-Kunsill approva li jsiru t-toqob u jiġu provduti l-għotjien.

*5.16 Għaqda Mużikali San Gejtanu – Avviż fil-ktieb Annwali tal-Għaqda*

L-Għaqda Mużikali San Gejtanu staqsiet jekk il-Kunsill riedx jibbukja spazju fil-ktieb annwali maħruġ mill-Għaqda abbinat mal-festi. Il-prezz għal spazju A5 huwa ta' €48 (VAT inkluż).

Il-Kunsill approva li jibbukja l-ispazju fil-ktieb.

*5.17 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Proġetti - Fondi Ewropej għall-Iżvilupp Reġjonali*

Il-Kunsilli Lokali ġew infurmati li nfetħet sejħa għal Proposti ta' Proġetti taħt il-Fondi Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2007 – 2013 immirati għall-Kunsilli Lokali. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sas-16 ta' Lulju 2010 u huma ristretti għall-interventi li jirrigwardaw l-użu effiċjenti tal-enerġija u sorsi rinovabbli tal-enerġija fl-infrastruttura minn Kunsilli Lokali. Ġie spjegat li ser issir sezzjoni ta' informazzjoni nhar it-Tnejn 14 ta' Ġunju 2010.

Ġie deċiż li s-Sur A. Ellul jattendi għas-sezzjoni ta' informazzjoni.

## 6. <u>Rapporti tas-Sotto Kumitati</u>

*6.1 Sotto Kumitat 7*

- Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li rċieva kopja ta' petizzjoni li ntbagħtet minn numru ta' residenti fi Triq Villambrosa lill-Kummissarju tal-Pulizija rigward ħsarat fuq vetturi li qed ikun hemm fl-istess triq. Il-Kunsill iddeċieda li jikteb lill-Kummissarju biex jara x'passi ttieħdu rigward il-petizzjoni.

- Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill dwar l-andament tal-konferenza li attendew għaliha hu u s-Sindku ġewwa Dunkerque. Huwa spjega li l-konferenza kienet interessanti ħafna u li għamlu diversi kuntatti utli. Fil-konferenza ngħatat idea ċara dwar l-iżvilupp sostennibbli fl-Ewropa. Waqt il-konferenza s-Sindku ffirma wkoll id-Dikjarazzjoni ta' Dunkerque. Is-Sur C. Valletta spjega li qed iħejji rapport dwar l-istess konferenza.

- Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li s-*Surveys* dwar iż-Żgħażagħ u l-Anzjani tlestew mill-N.S.O. Huwa spjega li saret laqgħa mal-Kumpanija Mailbox fejn ġie miftiehem li jwettqu *survey* għal Qasam tan-Negozju fil-Ħamrun. Is-Sur C. Valletta spjega wkoll li s-*Seminar* ta' nofs inhar li fih ser jiġi spjegat ix-xogħol imwettaq għar-rapport dwar Żvilupp Sostennibli ser isir f'Lulju fil-Victoria Hotel.

*6.2 Sotto Kumitat 1*

- Is-Sindku nnota li s-serata ta' nawgurazzjoni tat-Tiġdid tal-Ġnien Oreste Kirkop kien suċċess.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li talab lis-Supretendent tal-Pulizija biex issir laqgħa sabiex jibdew id-diskusjonijiet dwar il-Festa San Gejtanu.

*6.3 Sotto Kumitat 5*

- Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat ser jerġa' jorganizza lezzjonijiet ta' *Scuba Diving*. Huwa nforma lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat flimkien mas-Subuteo Club ser jorganizzaw *tournment*.

*6.4 Sotto Kumitat 4*

- Is-Sur M. Caruana talab lill-Kunsilliera biex sa l-aħħar ta' Ġunju jippreparaw l-artiklu tagħhom li jixtiequ li jiġi ppubblikat fil-fuljett tal-Kunsill li ser jiġi mqassam qabel il-Festa ta' San Gejtanu.

Fis-7.55pm s-Sur C. Valletta ġie skużat mil-laqgħa.

- Is-Sur M. Caruana nforma lill-Kunsill li l-laqgħa ta' informazzjoni dwar in-Nutrizzjon kienet suċċess u għalhekk ser issir laqgħa mal-Chemimart biex jitħejja program ta' laqgħat informattivi għax-xitwa li ġejja.

*6.5 Sotto Kumitat 3*

- Is-Sinjura C. Borg nfurmat lill-Kunsill li fil-perjodu tas-Sajf il-Librerija ser tinfetaħ l-Erbgħa filgħodu minflok wara nofs inhar għaliex mhux qed ikun hemm attendenza wara nofs inhar fis-sajf.

- Is-Sinjura C. Borg nfurmat lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat ser jorganizza *Harbour Cruise* għal wara l-Festa ta' San Gejtanu.

- Il-Kunsill approva li jinxtara ktieb għall-istudenta li offriet l-għajnuna lill-Kunsill waqt iċ-*Chocolate Festival* tas-sena l-oħra bħala turija ta' apprezzament.

Fit-8.00pm s-Sinjura C. Borg ġiet skużata mil-laqgħa.

## 7. <u>Ġieħ il-Ħamrun</u>

Il-Kunsill iddeċieda li wasal iż-żmien li ssir reviżjoni tal-Għoti tal-Ġieħ il-Ħamrun.

Is-Sindku, l-Viċi Sindku, s-Sinjura J. Bugeja, s-Sur M. Caruana u Dr P. Mifsud Bonnici inħatru membri ta' Kummissjoni maħtur biex jirrevedi t-*Terms of Reference* ta' Ġieħ il-Ħamrun.

Ġie deċiż unanimament li Ġieħ il-Ħamrun jibqa' jingħata lill-persuna waħda biss fis-sena u li jkun il-Kunsill stess li jagħżel il-persuna li tingħata Ġieħ.

## 8. <u>Kuntratt – *Collection of Mixed Household Waste*</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li meta fit-12 ta' Mejju 2010 infetħet il-kaxxa tal-Offerti fil-preżenza tas-Sindku u l-Viċi Sindku instabu 5 offerti.

Ġie spjegat li l-Għażla tal-offerti issa trid tiġi bbażata fuq proċedura ta' punteġġi li ġew imfassla mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali waqt il-preparamenti tal-istess offerta.

Is-Sindku, l-Viċi Sindku u Dr P. Mifsud Bonnici inħatru membri tal-Kumitat tal-Għażla għal dan il-Kuntratt.

## 9. <u>Kuntratt – *Services of Contract Management*</u>

Is-Sindku spjega li l-Kuntratt li jipprovdi għas-servizzi ta' *Contract Management* jiskadi fl-1 ta' Lulju 2010. Huwa ssuġġerixxa li jkun fl-interess tal-Kunsill li l-Kuntratt eżistenti jiġi estiż sakemm jitlestew ix-xogħlijiet fuq il-proġett tal-Parkeġġ u l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Wara l-Kunsill għandu jikkunsidra kif għandu jinħareġ dan il-Kuntratt.

Il-Kunsill approva unanimament li l-Kuntratt ta' *Contract Management* ma' *Ciantar Associates* jigi estiż sakemm jitlesta l-proġett tal-parkeġġ u l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 10. Ħwejjeġ oħra ta' natura urġenti

*10.1 Sqaq San Pawl*

Il-Kunsill iddeċieda li ssir stima għax-xogħol meħtieġ biex isir *resurfacing* ta' l-ewwel parti ta' Sqaq San Pawl. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li waqt laqgħa li hu flimkien mas-Sindku ser ikollhom ma' uffiċjali tal-WSC għandu jiġi stabbilit jekk il-Korporazzjoni jeħtieġ li jagħmel xi xogħol fl-isqaq.

*10.2 Eco Skola – Liċew tas-Subien*

Is-Sinjura J. Bugeja talbet biex isir laqgħa bejn rappreżentanti tal-Kunsill, il-Kumitat tal-Eco Skola tal-Liċew tas-Subien u l-Greenpak biex tiġi diskussa l-possibilta li jiġu introdotti *Bring-In Sites* fl-iskola.

## 11. *Schedule of Payments*

Il-Kunsilliera ingħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rcieva l-Kunsill sal-10 ta' Ġunju 2010 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-istess kontijiet.

## 12. Aġġornament

Il-laqgħa spiċċat fit-8.35pm

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Vincent Bonello | Philip Massa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Kunsill Lokali Ħamrun | Kunsill Lokali Ħamrun |

____________________
DATA